MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2005

Numru. 880/2004

PULIZIJA
SPETTUR RAYMOND CASSAR
VS
RONALD MUSCAT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Ronald Muscat, ta' 47 sena, bin il-mejjet Edward u Ludgarda nee' Bartolo, imwieled il-Belt Valletta nhar id-9 ta' Dicembru 1956, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 803556(M), u joqghod fil-fond Sirens Court, Flat 1, Triq Efesu, San Pawl il-Bahar, u akkuzat talli nhar is-27 ta' Settembru 2004, ghal habta tal-erbgha ta' wara nofsinhar, fi Triq il-Korp tal-Pijunieri f'Bugibba, ikkommetta serq ta' mobile phone tal-marka Samsung ghad-dannu ta' Anna Slinchenko, liema serq huwa aggravate bil-valur u dan bi ksur tal-Artiklu 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi kkaguna feriti hfief fuq il-persuna ta' Anna Slinchenko u dan kif gie ccertifikat minn Dr Mary Vella MD.

U aktar talli fis-27 t'Awissu 2004, u/jew fil-granet ta' wara, f'hinijiet u bnadi differenti f'dawn il-gzejjer, b'atti maghmulin minnu li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, hebb kontra Anna Slinchenko sabiex jingurja, idejjaq jew jaghmel hsara, u dan bi ksur tal-Artiklu 339(1)(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fis-27 t'Awissu 2004 ghal habta tal-ghaxra u nofs ta' filghaxija, fi Triq il-Gifen, Bugibba, heddidt lil Anna Slinchenko u dan bi ksur tal-Artiklu 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex tapplika l-provvedimenti tal-Artikli 383/384 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi, jirrizulta illi Anna Slinchenko rrinunzjat ghar-rigward tat-tieni, it-tielet u r-raba' akkuza. Il-Qorti nghatat ir-retro xena ta' dan il-kaz fis-sens li Slinchenko kellha relazzjoni intima mal-imputat u kienu jghixu flimkien, li kellhom argument jahraq u li fis-sahna tal-mument hadilha l-mobile sabiex igieghlha tkellmu, hi ma riditx u ghaldaqstant marret taghmel rapport lill-Pulizija.

Illi jidher illi dan il-'mobile' gie ritornat lil Slinchenko.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-fatti kollha speci tal-kaz, jirrizulta bla ebda dubju dettat mir-raguni, li l-kaz si tratta ta’ glieda bejn namrati, fejn Slincencko ma riditx tibqa’ tisma’ lill-imputat u dan fi sforz biex izommha f’parlata, hadilha l-‘mobile’. Illi certament dawn ic-cirkostanzi ma jaghtux lok ghal l-intenzjoni necessarja ghas-serq.

In vista ta’ dan kollu, u in vista tal-fatt illi Slinchenko rrinunzjat ghat-tieni, it-tielet u r-raba’ akkuza, din il-Qorti tiddikjara illi ghar-rigward it-tieni, it-tielet u r-raba’ akkuza, il-procediment huwa ezawrit, filwaqt li ssib lill-imputat mhux hati tal-ewwel akkuza u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------